MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Numru 57/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**ALFREDO ABDILLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alfredo Abdilla bin Philip u Salvina nee Barbara mwieled Pieta fit-03.08.84 u residenti 5 Flt 2, Triq san Rokku Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 241285M gie akkuzat talli fl-23.08.08 ghall habta ta 1430hrs waqt li kien qed isuq vettura JAH563 minn Triq il-Marina, Pieta' saq l-imsemmija vettura minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Pulizija jew minn awtorita kompetenti (2) b'nuqqas ta

hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna hsara involontarja fuq hames bollards ghad-dannu tar-Roads Dept. (3) xjentemnet jew b'negligenza b'nuqqas ta hila jew ta osservanza tar regolamenti, ikkawza dannu jew qered propjeta kulturali sew jekk tali propjeta kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata f'xi inventarju, skond l-att dwar il-patrimonju kulturali, (4) talli fl-istess data, hin u post saq vettura JAH 563 minghajr ma kien kopert b'polza ta sigurta b'riskju ghal terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 7 ta' April, 2010 (Ara fol. 114 tal-Process) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta' PS 1575 Robert Fava li fis-Seduta tat-13 ta' Frar, 2009, inter alia, qal:

"Nghid illi nhar it-23 ta' Awwissu tas-sena 2008 u dan ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar jiena gejt infurmat li kien hemm incident tat-traffiku fi triq tal-Pieta', fil-fatt it-triq hija Triq il-Marina, Pieta'. Jiena mort fuq il-post u sibt hemmhekk fuq il-post, sibt vettura JAA – 563 tal-marka Skoda. Jiena sibt il-vettura mdahhla gewwa Gabbana tal-injam u nnutajt li kien hemm ix-xufier fejn il-vettura li qed naghrfu bhala l-imputat Alfred Abdilla presenti fl-Awla. jiena meta kellimt lix-xufier Alfred Abdilla u dan wara li hu kien qalli li ma kellux bzonn assistenza medika, saqsejtu x'gara. Hu qalli li kien gej mid-direzzjoni fejn kien hemm qabel il-Gasan Showroom sejjer fid-

direzzjoni tal-Imsida. Hin minnhom qalli tilef il-kontroll, qasam it-triq u dahal gol-bollard u baqa’ diehel fil-Gabbana tal-injam li tigi faccata tat-triq. Wara li jiena bqajt inkellmu nnutajt illi dana la kellu licenzja tas-sewqan u lanqas kien kopert b’assigurazzjoni.” “............................................................. .”

“Nghid illi din il-vettura li semmejt Skoda registration number JAH – 563 kien qed isuqha l-imputat Alfredo Abdilla stante li l-istess imputat lili kien qalli dakinhar stess tal-incident li hu kien qed isuq il-vettura.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ PC 711 Robert Magro, li fis-Seduta tat-18 ta’ Marzu, 2009, inter alia, qal: “............................ .”

“Ahna morna fuq il-post u meta nghid ahna konna jien u PS 1575 Robert Fava. Sibna Skoda numru tar-registrazzjoni JAH 563 li kienet qieghda fuq il-hamrija imdahhla gewwa gabbana. Din hija l-gabbana l-antika li kien hemm fit-Triq Marina Pieta.

Nghid illi nnutajna u vverifikajna illi s-sewwieq li qieghed ngharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla dana kellu bzonn xi ghajnuna medika pero’ ghalkemm kellu xokk qawwi l-imputat ma riedx ghajnuna medika. Jiena mbaghad d-dmir tieghi kien li nidderigi t-traffiku u kien is-Surgent li semmejt li mbaghad kien kellem lill-imputat.” (Sottolinjar tal-Qorti)

F’dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta’ PC 1583 Steve Spiteri li fis-Seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2009, inter alia, qal:

“Qieghed nigi muri sett ta ritratti li huma esebiti u mmarkati bhala Dok. LCP 1. Nikkonferma li dawn ir-ritratti gbithom jiena u dana b’kumpinazzjoni gbidt dawn ir-ritratti. Dawn ir-ritratti juru l-vettura li telghet fuq il-bankina u juru wkoll il-hsarat fil-gabbana. Fir-ritratti wkoll, ovvjament xi whud mir-ritratti jidher is-surgent PS 1575 Robert Fava kien qed jiehu r-rapport ta’ l-incident.” “.................................................................... .”

"Nghid in kwantu ghax-xufier tal-vettura nvoluta fl-incident mertu ta din il-kawza jien qieghed ngharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Nghid fil-fatt l-imputat fil-prezenza tieghi kien ammetta li hu kien ix-xufier tal-vettura nvoluta fl-incident mertu ta din il-kawza." (Sottolijar tal-Qorti)

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni moghtija minn Stephen Cachia li fis-Seduta tal-5 ta' Frar, 2010, inter alia, qal:

"............................ ." "In kwantu ukoll ghal dak li gejt mitlub rigwardanti Alfredo Abdilla karta tal-identita' numru 241285 (M) skond ir-records taghna tal-ADT dana m'ghandu l-ebda licenzja tas-sewqan." (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward it-tieni (2) akkuza u t-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat, il-Qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li s-segwenti bran li xehed PS 1575 Robert Fava (Seduta tat-13 ta' Frar, 2009) u cioe' illi: "jiena meta kellimt lix-xufier ....... ." "Hu qalli li kien gej mid-direzzjoni fejn kien hemm qabel il-Gasan Showroom sejjer fid-direzzjoni tal-Imsida. Hin minnhom qalli tilef il-kontroll, qasam it-triq u dahal gol-bollard u baqa' diehel fil-Gabbana tal-injam li tigi faccata tat-triq", dan ma jwassalx sal-grad rikjest mill-ligi ghas-sussistenza tal-imsemmija zewg akkuzi.

Rigward l-ewwel (1) akkuza migjuba kontra l-imputat il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sufficjentement ippruvata. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-imputat kien is-sewwieq tal-vettura fl-incident mertu ta' din il-kawza. Dwar dan taghmel referenza senjatament ghal dak li xehed PS 1575 Robert Fava (Seduta 13 ta' Frar, 2009) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:

"............................ ." "Nghid illi din il-vettura li semmejt Skoda registration number JAH-563 kien qed isuqha l-imputat Alfredo Abdilla stante li l-istess imputat lili kien qalli dakinhar stess tal-incident li hu kien qed isuq il-

vettura”. Inoltre taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ PC 1583 Steve Spiteri li fis-Seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2009, inter alia, qal: “...................... .”

“Nghid in kwantu ghax-xufier tal-vettura nvoluta fl-incident mertu ta’ din il-kawza jien qieghed ngharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Nghid fil-fatt l-imputat fil-prezenza tieghi kien ammetta li hu kien ix-xufier tal-vettura nvoluta fl-incident mertu ta din il-kawza”.

In kwantu ghas-sussistenza tal-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta’ Stephen Cachia li fis-Seduta tal-5 ta’ Frar, 2010, inter alia, qal:

“................................ .” “In kwantu ghal dak li gejt mitlub rigwardanti Alfredo Abdilla karta tal-identita’ numru 241285 (M) skond ir-records taghna tal-ADT dana m’ghandu l-ebda licenzja tas-sewqan”.

Rigward ir-raba’ (4) akkuza migjuba kontra l-imputat il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza giet ukoll sufficjentement ippruvata. Apparti l-fatt li jirrizultaw ampjament ippruvati li s-sewwieq tal-vettura fl-incident mertu ta’ din il-kawza kien l-imputat u dan meta l-istess imputat ma kellu l-ebda licenzja tas-sewqan, l-imputat, f’dawn il-proceduri, naqas li jgib prova kuntrarja ghal dak prezunt fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan is-subartikolu jghid: “3.(1)................................................................... .”

“(1A) Ikun prezunt li ma kienx hemm polza ta’ l-assigurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1), kemm-il darba min jigi akkuzat b’reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta’ l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4).”

Rat l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-artikoli 3(1), 3(1A) u 3(2A) tal-Kap. 104 u l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Alfredo Abdilla hati tal-ewwel (1) akkuza u tar-raba’ (4) akkuza migjuba kontra

tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat tikkundanna lill-imsemmi imputat Alfredo Abdilla ghall-piena komplessiva ta' elfejn, erba' mija u sitta u erbghin Euro (Euro 2,446) multa.

Rigward it-tieni (2) akkuza u t-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Alfredo Abdilla, fid-dawl tas-suespost, ma ssibx lill-imsemmi imputat Alfredo Abdilla hati tal-imsemmija tieni (2) akkuza u tielet (3) akkuza migjuba kontra tieghu stante li dawn iz-zewg akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati u minnhom tilliberah.

Rigward l-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Avukat Generali fost l-artikoli mibghuta fin-Nota ta' Rinviju tal-istess Avukat Generali datata 7 ta' April, 2010, stante li f'din il-kawza ma' jirrizultax li dawn l-imsemmija zewg artikoli japplikaw, ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imsemmija zewg artikoli.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Alfredo Abdilla milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------